## GABRIEL FARRUGIA

# IFFISSAT FL-ARMAR TAL-KNEJJES U DEJJEM JIPPROVA JAGĦMEL DAK LI JARAW GĦAJNEJH

Kitba ta' **RAMONA PORTELLI**



Ħafna drabi, il-bniedem ifittex li jesplora aktar f'ħajtu u jimmira li jirnexxilu aktar. Dan l-aħħar sirt naf b'żagħżugħ li *l-arti taffaxxinah immens*, u dejjem jipprova jagħmel dak li jaraw għajnejh. Jaffaxxinah ħafna wkoll l-armar tal-knejjes u jemmen li l-artist veru huwa dak li joħloq hu u mhux li jimita. Qed nirreferi għall-artist Gabriel Farrugia.

Għandu 20 sena, minn Ħal Tarxien u hu żagħżugħ b'interess kbir fl-arti. Huwa student bħal ħafna oħrajn li jsegwi l-kors tas-Soċjoloġija ġewwa l-Università ta' Malta. Ħafna żgħażagħ tamparu jkollhom xi xogħol part-time, iżda huwa jqis l-arti bħala x-xogħol full-time tiegħu għaliex minn xħin jiftaħ għajnejh sa ma jorqod ħsiebu jkun ħafna mid-drabi fuq xi biċċa xogħol li jkun qed jaħdem jew fuq biċċiet tal-arti futuri li jkun ikkumissjonat biex jaħdem. Bħal żgħażagħ oħra, jinteressa ruħu f'dak kollu li jiġri madwaru. Jista' jgħid li għandu ħbieb minn kull qasam tal-ħajja, kemm dawk artisti bħalu, kif ukoll oħrajn li għalkemm l-arti li jagħmel ma jifhmux ħafna jew anke ma tantx tinteressahom, japprezzaw dak li jagħmel. Illum ftit għadek issib żgħażagħ li tinteressahom l-arti u l-manifattura tagħha speċjalment dik tal-festi u knejjes, għalkemm wieħed ma jridx jinsa l-ammont kbir ta' żgħażagħ li jipparteċipaw u jarmaw l-armar tal-festi, ftit huma *ż-żgħażagħ li huma artisti*. Gabriel huwa wieħed minnhom li rnexxielu joħloq niċċa t'arti differenti u unika fl-età żgħira tiegħu.

L-imħabba tiegħu għall-arti dejjem baqgħet tikber miegħu sal-punt li llum il-ġurnata fl-età ta' 20 sena rnexxielu jistabbilixxi ruħu bħala artist. Għalkemm huwa student tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Malta, jemmen li fil-ħajja mhux l-iskola biss tgħodd, iżda affarjiet u interessi oħra jagħmlu l-bniedem komplut.

L-imħabba lejn il-kult u l-arti sagra minn dejjem iħoss li kienet fih għaliex ta' età żgħira kien involut sew fl-armar u f'dak kollu li għandu x'jaqsam fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. "Hawn ngħid grazzi lill-ġenituri u lill-familjari tiegħi li dejjem ħeġġewni u ressquni lejn dawn l-affarijiet. Kbirt iktar u dan l-interess kompla jikber tant li t'età żgħira kelli l-ewwel minjatura ta' knisja fejn fiha kont nipprova naħdem u nagħmel l-armar bħalma nara fil-knejjes ta' vera. Nista' ngħid li qatt ma tgħallimt arti l-iskola, imma dejjem bqajt nipprova u nesperimenta waħdi. Nemmen li artist titwieled, mhux issir, iżda kull esperjenza ta' dak li tagħmel tgħallmek għall-oġġett ta' warajha. Ta' 15-il sena, bdejt nibni l-mudell tal-knisja li għandi llum u dan ħeġġiġni biex naħdem l-armar għalih ħalli jkolli s-sodisfazzjon li mhux biss armajt, imma wkoll ħdimt l-affarijiet jien. B'hekk ħadt interess f'ħafna mediums differenti tal-arti fosthom fit-tafal, disinn u fost l-iktar għal qalbi dawn l-aħħar snin il-metall," beda jgħidli Gabriel.

Ta' min jgħid li minn età żgħira, Gabriel kien affaxxinat fl-arti u dejjem kien jipprova jagħmel dak li jaraw għajnejh. "Minn dejjem affaxxinani l-fatt kif ta' qabilna bil-ftit għodod li kellhom u n-nuqqas ta' teknoloġija li għandna llum, irnexxielhom jibnu tempji maestużi għall-qima tat-twemmin tagħhom. L-arkitettura tal-knejjes, il-pittura, l-armar, il-mużika u tant affarijiet oħra dejjem issorprendewni. Meta kont iżgħar, tista' tgħid meta kont tifel kont midħla sewwa tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, il-knisja fejn tgħammidt u kont involut sewwa. Meta kbirt naqra oħra kont immur ngħin fl-armar ta' din l-istess knisja. Narma u mmiss dawn l-affarjiet artistiċi tħajjart inkabbar l-interess lejn kif inħadmu dawn l-afffarijiet, in-nies u l-imħuħ li kien hemm warajhom. Allura meta kont nirritorna lura d-dar kont nibqa' naħseb kif nista' nagħmel xi ħaġa simili," beda jispjegali Gabriel.

Kompla jgħidli li kellu l-ewwel minjatura ta' knisja artal sempliċi fejn fuqu kien jarma u jagħmel bħalma kienu jagħmlu fil-knisja. "Kont immur naqbad xi biċċa tafal jew iktar qabel plastisin ta' tifel żgħir u nipprova nimmudella xi ħaġa jien jew xi disinn jew xi prospettiva bi ftit injam bl-għajnuna tal-ġenituri. Sa dak iż-żmien kien biss logħob. Nistqarr li ż-żmien li kont bdejt dan id-delizzju kien kważi qed imut. Rari kont għadek issib armar f'minjatura għaliex qabel kien isir ħafna xogħol taċ-ċomb bħal gandlieri u affarjiet oħra li dawn minħabba istruzzjonijiet Ewropej kontra l-użu u l-manifattura taċ-ċomb kellhom jinqatgħu. Dan l-interess iżda kompla jikber miegħi u mal-milja taż-żmien dejjem bqajt infittex u nitgħallem fuq artisti kbar bħal Abraham Gatt, Emanuele Buhagiar, Nikola Zammit u disinjaturi Maltin oħrajn li sawru dawn l-affarjiet u paramenti artistiċi," spjegali b'tant interess fuqu.

### Jaffaxxinah ħafna l-armar tal-knejjes

Bis-saħħa tal-ġenituri tiegħu, kien ukoll involut fil-knejjes u l-armar tagħhom u eventwalment meta kiber kien imur jgħin fl-armar tal-knisja. Id-dettalji tant sbieħ tal-armar ħajruh irid ikun jaf kif jinħadmu. B'hekk nibet ċertu interess fih. Kien imur id-dar u jipprova joħloq dak li jkun ra, imma fiċ-ċokon. Fil-fatt ta' 15-il sena beda jibni l-mudell tal-knisja li għandu llum. Fatt interessanti huwa li dejjem tgħallem u prova waħdu mill-iżbalji tiegħu stess. "Kif għedt qabel ta' età żgħira kont dejjem nipprova nimita dak li nara fil-knejjes ta' veru. Ta' 15-il sena bdejt nibni l-mudell tal-knisja li għandi llum. Meta nidħol ġo knisja jew ġieli anke waqt l-quddiesa, kont dejjem u għadni sal-lum noqgħod inħares lejn l-affarjiet, lejn l-armar u anke l-binja tal-knisja. Bdejt billi ppjanajt sewwa u pinġejt disinn ta' kif ġejja l-pjanta. Imbagħad bdejt nibni bil-mod. Mastrudaxxa anzjan minn Ħal Tarxien kien qatagħli l-injam il-kbir. Illum m'għadux magħna u minn hawn insellem il-memorja tiegħu Pawlu Agius. Wara li lestejt il-binja kelli bżonn iktar armar u għalkemm kont nixtri xi ftit armar ukoll għax dan *ma tistax tkun kapaċi tagħmel* kollox intì, bdejt nipprova naħdem ftit jien ukoll. B'esperiment pruvajt naqbad biċċa metal u nagħfas fiha disinn. Ix-xogħol għoġobni u tħajjart li nkompli nesperimenta. Dejjem qabel inħożż id-disinn li nkun ser nagħmel u nipprova naħdmu. Bla dubju x-xogħol tal-bidu m'għandux x'jaqsam ma' dak li qed nagħmel issa għaliex iż-żmien u l-esperjenza jgħallmuk u jmexxuk 'il quddiem. Int u taħdem ukoll tiżviluppa u tiskopri metodi oħra, kif tista' taħdem aħjar b'iktar faċilità u metodi oħra biex ix-xogħol joħroġ aħjar. Għalija kienet iktar diffiċli għaliex dak li nagħmel fil-metall f'minjatura m'hawn ħadd li jaħdmu u għalkemm qisni skoprejt u ħloqt niċċa ġdida, magħha din ġabet l-isfida li kelli nitgħallem u niskopri waħdi għaliex ma kelli lil ħadd min jurini," spjegali tajjeb Gabriel.

Illum ta' 20 sena daħal l-iskola tal-arti – Malta School of Art, u żgur mhux forsi din l-iskola qed tgħinu jiżviluppa t-talenti tiegħu. "Tgħinni ħafna għaliex kif jgħidu, dak li titgħallem qatt mhuwa telf. Nistqarr li l-iskola tal-arti laqqgħatni ma' nies ġodda u fi ftit żmien anke tgħallimt modi ġodda ta' arti u stili ġodda wkoll. L-iskola tal-arti nitgħallem il-mudellatura u l-*iskultura fit-tafal u mediums* simili li qabel ġieli kont ħdimt bihom, iżda titgħallem teknikalitajiet ġodda. Fl-iskola tal-arti wkoll ġejt espost għal stili differenti fosthom dak modern u kontemporanju. Sfortunatament fejn titħarreġ fid-disinn m'hawnx, allura dak trid tikber fih waħdek, dejjem tosserva t-tajjeb li għamlu ta' qabilna u tispira ruħek minnhom biex toħloq l-arti tiegħek. Nistqarr li nħossni differenti peress li mdorri iktar fl-istil barokk u klassiku, iżda nemmen li meta l-arti tkun magħmula bis-sens, anke dik kontemporanja tkun sabiħa u biha tesprimi ħafna ruħek," stqarr miegħi Gabriel.

Kompla jgħidli li nies kbar bħal Abraham Gatt, Emanuele Buhagiar, Nikola Zammit u disinjaturi oħrajn jaffaxxinawh u jispirawh fix-xogħol tiegħu. "Ħafna mid-drabi peress li jien

